**114. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u ta' l-Ambjent, l-Onor. George Vella u l-Onor. Ċensu Galea ppropona:-**

Wara li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ra l-*Ombudsplan* ippreżentat mill-*Ombudsman* għas-sena 1997/98 li kopja tagħha tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 1997;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-*Ombudsman* personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħat ta' l-istess Kumitat li saru fil-21 u fid-29 ta' Ottubru 1997;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri kollha tal-Kamra tad-Deputati; u

Wara r-rakkomandazzjoni li saret mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra,

Il-Kamra tad-Deputati tapprova l-*Ombudsplan* kif preżentat.

20.01.1998